# L-IMĦABBA LEJN IL-KELMA T'ALLA FIL-FORMAZZJONI RELIĠJUŻA TA' SAN PAWL




Il-Kelma t'Alla tħalli frott tassew fina meta twassalna biex nagħmlu esperjenza ta' Kristu…

- Kristu huwa ċ-ċentru u l-milja tal-Iskrittura Mqaddsa.
- L-Antik Testment isib il-milja fiH.
- Il-Ġdid Testment jitlaq minn Kristu.
- San Pawl, bħal-Lhud kollha, qabel il-laqgħa tiegħu ma' Kristu, kien għadu ma għarafx li Alla Veru ġie fostna permezz ta' l-Inkarnazzjoni; jiġifieri li l-Kelma t'Alla saret bniedem fi Kristu.
- San Pawl irċieva l-formazjioni 'biblika' tiegħu u kiber fl-imħabba lejn il-Kelma ta' Alla f'riġlejn Gamaljel. Hekk naqraw f'Atti 22,3; "*Jiena Lhudi, twelidt f'Tarsu taċ-Ċilicja, imma trabbejt f'din il-belt* (Gerusalemm) *f'riġlejn Gamaljel u tħarriġt bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi ta' missierijietna; jiena mimli ħeġġa għal Alla.*"
- Ħafna Kristjani jistgħu jkunu bħal-Lhud li jgħidu li jafu lil Alla i\da għadhom ma għamlux l-esperjenza ta' Kristu f'ħajjithom, għax l-imġiba tagħhom ma tirriflettix esperjenza vera ta' Ġesù. Huma Kristjani li jgħidu 'Mulej, Mulej' i\da ma jagħmlux ir-rieda t'Alla.
- San Pawl kien *għaref* fl-Iskrittura, però kien jippersegwita u jixħet il-ħabs lill-Insara. Kien fadallu jagħmel l-aktar pass importanti u deċisiv, dak li jagħraf lil Kristu u fuqu jfassal ħajtu.

Jalla f'din is-sena Pawlina fuq l-e\empju ta' Missierna San Pawl nagħmlu esperjenza vera ta' Ġesù Kristu.

*Mons Ġużepp Attard, Arċipriet Parroċċa Katidral*

## *Jistgħu jinteressawk*

*Erbgħa 20:* *Pellegrinaġġ Djoċesan għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (mal-vapur ta' l-4.30p.m.)*

*Ħadd 24:* *Festa ta' l-Assunta (Parroċċa Żebbuġ)*

gozopress • 21551534

## It-Talba tal-ġimgħa

***Mulej Ġesu', għallimni nitlob bil-fidi u ma' naqtax qalbi, għax Int ta' qalb kbira.***




Il-20-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2055) • 17 ta' Awissu 2008

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** **(Mt. 15, 21-28)**

F'dak iż-żmien Ġesù telaq lejn Tir u Sidon. U ħarġet waħda mara Kangħanija minn dawk l-inħawi, u qabdet tgħajjat u tgħid: "Ħenn għalija, Mulej, Bin David; binti għandha fiha xitan, u magħdura ħafna!" Iżda hu ma weġibhiex kelma. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu, jitolbuh u jgħidulu: "Eħles minnha, għax ġejja tgħajjat warajna." Imma hu qalilhom: "Ma ġejtx mibgħut ħlief għan-nagħaġ li ntilfu mid-dar ta' Iżrael." Iżda hi resqet, nxteħtet quddiemu u qaltlu: "Għinni, Mulej!" Hu weġibha: "M'hux sewwa tieħu l-ħobż ta' l-ulied u tixħtu lill-ġriewi." "Hekk hu, Mulej!" qaltlu,"iżda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak li jaqa' minn fuq il-mejda ta' sidienhom!" Mbagħad wieġeb Ġesù u qalilha: "Mara, il-fidi tiegħek kbira! Ħa jsirlek kif tixtieq." U minn dak il-ħin stess bintha fieqet.



**RIFLESSJONI**

- Ġie li kellek esperjenza li ħassejt li Ġesu' ma' wieġibx għat-talb tiegħek ?
- Bqajt tinsisti fit-talb tiegħek bħalma għamlet l-mara Kangħanija, jew qtajt qalbek ?
- Il-mara Kangħanija wriet fidi kbira għax talbitu mqar il-frak li jaqa' mill-mejda u din il-fidi qanqlet il-qalb ta' Ġesu'.
- Id-dixxipli talbu lil Ġesu' biex jeħles minnha. Taħseb li Ġesu' jagħtina dak li nitolbu biex jeħles minna jew għax iħobbna ?
- Fit-talb tagħna, Ġesu' jista' jgħidilna dak li qal lill-mara tal-vanġelu : « Il-fidi tiegħek hija kbira » ?